1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li t-tliet eżenzjonijiet fiskali previsti mil-Liġi tal-Finanzi għall-2001 ma jagħtu l-ebda vantaġġ selettiv u ma jikkostitwixxux għaldaqstant, għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1)TFUE.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma mmotivatx biżżejjed id-deċiżjoni tagħha skont il-liġi, kif jeżiġi l-Artikolu 296 TFUE, peress li l-Kummissjoni ma spjegatx għaliex il-fatt li sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati b'mod differenti ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Barra dan, ir-raġunament tal-Kummissjoni huwa kontradittorju meta mqabbel mal-qari tad-deċiżjoni inkwistjoni.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(3) TFUE, peress li hija ma stegħetx, f'din il-kawża, tasal għall-opinjoni li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mingħajr investigazzjoni fid-dettall tal-kwistjoni.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Deutsche Post vs UASI – PostNL Holding (TPG POST)

## (Kawża T-102/14)

(2014/C 112/68)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Post AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Hamacher u C. Giersdorf, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* PostNL Holding BV (Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni), tal-11 ta' Diċembru 2013, fil-Każ R 2108/2012-1 u

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-konvenut u, fejn xieraq, lill-partijiet l-oħra.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* PostNL Holding BV

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "TPG POST" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 6, 9, 16, 20, 35, 38 u 39 (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Komunitarja Nru 2 920 916)

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade marks nazzjonali u Komunitarji "DP", "POST" u "Deutsche Post" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 12, 14, 16, 25, 28, 35, 36, 38, 39 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Frucona Košice vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-103/14)

(2014/C 112/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*